MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 386/2003

**Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta estera ta' The Performing Right Society Limited ta' Londra**

**vs**

**Day Star Operators Limtied**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta ghall-hlas ta' (Lm 38.30c) tmienja u tlettin lira Maltin u tlettin centezmi) kwantu ghal Lm33.30c bilanc ta' arretrati dwar Royalty dovuta ghal perjodu 6 ta' Mejju, 2000 sal 5 ta' Mejju, 2001 (Dok A) in konnessjoni mal-licenzja Nru. 10376 (Dok B u B/1) rilaxxjata mis-socjeta' attrici a favur tal-konvenut, b' liema licenzja il-konvenut inghata id-dritt li jxandar lil pubbliku muzika tutelata fl' istabbiliment "Primera Hotel" Bugibba, u Lm5.00c Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

Is-socjeta attrici qieghda titlob ukoll il-hlas tal-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data tal-iskadenza, relattiva sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjes tal-Avviz, komprizi dawk tal-ittra legali tat- 30 t' Awissu, 2002 kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li s-socjeta konventua baqghet kontumaci;

Sema' lil Pl Josette Attard tikkonferma bil-gurament li l-ammont ghadu dovut.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jilqa t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjes skond il-ligi u bl-interessi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------